MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Citazzjoni Numru. 21/1999/1

**Joseph Debono**

**-vs-**

**Joseph Attard**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta illi huwa ipprovda lill-konvenut servizz ta' kiri ta' crane in konnessjoni ma' xoghol ta' zvilupp ta' swimming pool fix-Xaghra, Ghawdex flimkien ma' servizz ta' impjegat sabiex jassisti fix-xoghol imsemmi.

Illi ghal dani s-servizz hija dovuta mill-konventu lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,464.50) u dan skond il-kontijiet hawn mehmux bhala dokument A u B.

Illi minkejja  diversi interpellazzjonijiet il-konvenut naqas li jhallas dan id-debitu.

Illi fil-fehma ta’ l-attur dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’iqanqal u ghalhekk, din il-Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza fit-terminit a’ l-aRtikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodcii ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smeigh.

Talab li l-Qorti:

1. taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-didspensa tas-miegh fit-termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-kap 12 tal-Ligijeit ta’ Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta’ l-attur fis-somma ta’ elf erba’ mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1464.50) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onroabbli Qorti u dan rapprezentanti hlas dovut kif fuq spejgat.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk iffissata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorja tas-27 ta’ Nvoembru 1998 u 4 ta’ Jannar 1999 u ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 1998 u tal-mandat kawtelatorju ta’ Qbid fl-istess ismijiet ippreentat kontestwalment ma’ din il-kawza.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ la-ttur anness l-lista tax-xhieda u dokumenti.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Marzu 1999 fejn il-Qorti diversament preseduta ippermettiet il-konvenut li jaghmel l-eccezzjonijiet billi jidhrilha li kellu eccezzjonijeit x’jaghmel.

Rat in-nota tal-konventu fejn eccepixxa:

1. illi l-ammont pretiz mill-attur huwa esagerat;

2. illi l-konvenut ghandu jkun ezentat mill-ispejjez tal-kawza ghaliex l-attur kien interpellat diversi drabi sabiex jaghmel il-kontijiet finali u dana kif jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Marzu 2003;

Ikkunsidrat:

L-attur jippretendi pagament ta' Lm1,464.50 li jghid huma dovuti lilu mill-attur rapprezentanti kiri ta' 'crane' u provizjon ta' servizz ta' impjegat. Il-konvenut iribatta fil-meritu li l-ammont huwa esagerat u dana essenzjalment minhabba zewg fatturi:

<u>i.</u> li m'hwiex minnu li l-'crane' hadem is-sighat sostnuti mill-attur stante li l-ftehim bejniethom kien jimporta biss hlas meta l-crane kien effettivament qieghed jopera u mhux wkoll meta kien wieqaf;

<u>ii.</u> li f'kull kaz l-provizjon ta' impjegat ghandu ibatih l-attur li mieghu kien ftehim b'rata fissa ta' Lm15 is-siegha.

Illi ma jidhirx li hemm xi differenzi bejn il-partijiet dwar il-fatti u sostanzjalment jaqblu: li l-attur gie nkarigat mill-konvenut biex jesgwixxi x-xoghol; li l-attur kellu jithallas

bir-rata ta’ Lm15 is-siegha; li fl-esekuzzjoni tax-xoghol l-attur kellu xi impiegati tieghu. Fuq li m’hemmx qbil, apparti jekk l-impiegati tal-konvenut kellhomx jigu nkluzi fir-rata miftehma, hu ta’ kemm is-sieghat ghandu jithallas l-attur. F’dan il-kuntest l-attur isostni li fis-sieghat ghandhom jigu komputati dawk meta hu kien prezenti fuq il-lant tax-xoghol jistenna l-bennej jipprovdi materjal sufficjenti, waqt li l-konvenut jghid li l-ftehim kien jimporta biss il-hin li effettivament kien operanti, cioe’ li l-attur effettivament hadem bil- ‘crane’. Issa fl-atti tal-kawza l-unici fatturi prezentati huma dawk esebiti mill-attur li elenkaw minuzjosament is-sieghat li taghhom hu qieghed jitlob il-hlas. Da parti tieghu l-konvenut jikkontesta dawn is-sieghat fuq bazi ta’ provi testimonjali izda mhux ukoll fuq provi dokumentarji nonostanti li stqarr li dawn ta’ l-ahhar kienu ghandu.

Illi mix-xhieda prodotta il-Qorti hi tal-fehma li s-soluzzjoni legali u koretta tal-vertenza ghandha tkun is-segwenti:

(a) li ghandu jittiehed bhala pruvat il-fatt li l-attur hadem ad opera tal-‘crane’ is-sighat minnu reklamati u hu rrilevanti jekk il-‘crane’ kienx effettivament qed jigi operat. Dan huwa hekk ghaliex tghid x’tghid il-‘crane’ meta kien ikun hemm l-attur mieghu kien ghad-disposizzjoni tal-konvenut li mkien ma jirrisulta li oggezzjona jew illamenta mal-attur waqt il-kors tax-xoghol;

(b) li nghad dan pero’ ghandhom jitnaqsu tliet sighat fl-liema hin il-‘crane’ garrab hsarat u rrikjeda daqstant zmien biex jarga jigi operanti;

(c) li r-rata ta’ hlas mifthem ta’ Lm15 is-siegha kellha logikament tikkomprendi l-impiegati. Il-konvenut fuq kollox ‘kera’ il-‘crane’ b’dik ir-rata mifthema u xejn izjed ma jirrisulta li gie mifthem rigward impjegati;

Illi konsegwentement minn dak li l-attur jippretendi ghandhom jitnaqsu is-segwenti ammonti: Lm45 ta’ kemm il-‘crane’ baqa’ wieqaf u Lm79.50 import tal-impjegati assunti mill-istess attur. Ghalhekk l-ammont dovut hu il-

bilanc ta' Lm1,340. Issa jirrizulta mill-atti li l-konvenut iddepozita ghak-kont tal-attur taht l-awtorita tal-Qorti l-ammont ta' Lm900 li l-imsemmi konvenut ippretenda li kien il-bilanc minnu dovut lill-attur. Jirrizulta izda li mhux biss l-konvenut iddeposita l-istess ammont fil-mori ta' din il-kawza, izda wkoll li l-ammont effettettivament zbankabbli hu ta' tmien mija u tlieta u disghin lira Maltin (Lm893) b'daqstant li l-attur jibqalu biex ihallas erba' mija u sebgha u erbghin (Lm447) bl-imghax fuq l-ammont globali ta' elf tliet mija u erbghin lira Maltin (Lm1,340) mid-data tac-citazzjoni sal-effettiv pagament.

Tilqa' ghalhekk it-talbiet tal-attur fuq l-meritu izda rigward it-tieni talba, tenut u salv id-disposizzjonijiet tal-paragrafu precedenti tilqaghha limitatament fl-ammont ta' elf tliet mija u erbghin lira Maltin (Lm1,340) bl-imghax kif inghad.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu kollha a karigu tal-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------